

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1987

tat-13 ta' Ottubru 2022

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikolu 209, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tagħti bidu għal negozjati mal-Malażja dwar il-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”).
- (2) In-negozjati dwar il-Ftehim ġew konklużi b'suċċess billi nġhata bidu għall-Ftehim fis-6 ta' April 2016 f'Putrajaya, il-Malażja.
- (3) In-negozjaturi kkonfermaw il-fehim komuni tagħhom li, skont il-Kostituzzjoni Federali tal-Malażja, bil-firma tiegħu l-Gvern tal-Malażja intenzjonat li jorbot lill-Malażja kollha kemm hi fir-rigward tal-Ftehim.
- (4) L-objettiv tal-Ftehim huwa li jistabbilixxi sħubija msaħħa bejn l-Unjoni u l-Malażja u li jappfondixxi u jtejjeb il-kooperazzjonidwar kwistjonijiet ta' interess komuni, inklużi d-drittijiet tal-bniedem, in-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-kummerċ, il-migrazzjoni, l-ambjent, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, it-trasport, ix-xjenza u t-teknoloġija, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, l-edukazzjoni u l-agrikoltura.
- (5) Għalhekk il-Ftehim jenħtieġ li jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar f'isem l-Unjoni tal-Ftehim Qafas dwar is-Sħubija u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Gvern tal-Malażja, min-naħa l-oħra (il-“Ftehim”), huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-Ftehim (*).

(*) It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li jfirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-13 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
P. BLAŽEK
